MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 2/2008/1

**Vincent Haber f'ismu prorpju u ghan-nom tal-imsiefrin Maria Victoria (ID 655336M) mart William Fuentes, Francis Haber (ID 129542M), Maria armla minn Alfred Haber, John Haber, Raymond Haber, Melissa Haber, Melanie Haber, Joanne mart Ronald Zielinski, Anthony Haber, Helen mart Ben Li Voti, Georgina mart Wayne Boyle u Donna mart John Goldschmidt; Nazzareno Haber (ID 561040M); Lawrence Zammit (ID 42748M); Claudia Zammit (ID 371178M)**
**Patrizia Zammit (ID 1182182M); Vannessa (ID 311675M) mart Joseph Agius ; Maria (ID 768648M) armla minn George Habe: Anthony Haber (ID 90976M); Chantelle Haber (ID 636481M); Moira Haber; Stephania Mallia (ID 39580M) mart Erin minnu legalment seaparata; Joseph Haber (ID 325367M); Paul Haber (ID 191060M); Raymond Haber (ID 278657M); Rita (ID 558955M) mart Joseph Farrugia; Jane (ID 387754M) mart Publius Gauci f'isima proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer Noel Haber (ID 375864M); Rosanne (ID 449871M) mart Peter Triganza; Antonia (ID 366154M) mart Paul Haber; Emanuel Haber (ID**

**3879M); Joseph Haber (ID 338577M); Marlene Haber ID 498485M)**
**Joseph Schembri (ID 411741M); Alexander Schembri (ID 335168M); Louise (ID 321973M) mart Charles Cachia**

**vs**

**Direttur ta' l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutorju:

Illi b'Avviz nru. sebgha u tletin (37) fil-Gazzetta tal-Gvern tat-tlettax (13) ta' Jannar 2005, l-intimat informa lir-rikorrenti li kien ser jakkwista b'xiri assolut bhala liberu u frank il-fond numru 10, Triq il-Bjar, il-Belt Valletta, proprjeta' tar-rikorrenti;

Illi b'ittra ufficjali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru 2007, l-intimat offra kumpens fis-somma ta' wiehed u erbghin elf, disgha mija u tmienja u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu (E41,928.72);

Illi r-rikorrenti qeghdin prezenzjalment jikkontestaw l-istess kumpens offrut mill-intimat stante li tenut kont tac-cirkostanzi kollha, inkluz posizzjoni, entita', ambjent, kobor u potenzjal ta' zvilupp, il-kumpens offrut huwa minimu u mhux adegwat;

Illi r-rikorrenti huma tal-ferma opinjoni li s-somma ta' mija tmienja u ghoxrin elf, mija u hamsin Euro (E128,150) tkun aktar ekwa u gusta u jirrifletti l-valur gust tal-fond de quo (Dok VB 1);

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-kumpens dovut lilhom u pagabbli mill-intimat ghall-akkwist tal-fond numru ghaxra (10) Triq il-Bjar, il-Belt Valletta b'titolu ta' xiri assolut bhala

liberu u frank is-somma ta' mija u tmienja u ghoxrin elf mija u hamsin Euro (E128,150);

Bl-ispejjes u bl-interessi legali skond il-Ligi sad-data tal-pagament effettiv;

Ra ir-risposta tal-intimat:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 23 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur lilhom offrut mill-awtorita' kompetenti ta' wiehed u erbghin elf, disgha mija u tmienja u ghoxrin Euro u tenjn u sebghin centezmu (E41,928.72) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank il-fond numru 10, Triq il-Bjar, il-Belt Valletta u qeghdin jippretendu illi l-kumpens ghandu jkun ta' mija u tmienja u ghoxrin elf mija u hamsin Euro (E128,150);

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni li l –valur gust ghall-porzjon art tar-rikorrenti huwa dak fuq citat u cioe' l-ammont wiehed u erbghin elf, disgha mija u tmienja u ghoxrin Euro u tenjn u sebghin centezmu (E41,928.72) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Joseph Mizzi A&CE li hija ppubblikata fl-Avviz Numru 37 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Jannar 2005;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlub bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiffissa l-ammont wiehed u erbghin elf, disgha mija u tmienja u ghoxrin Euro u tenjn u sebghin centezmu (E41,928.72) bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi;

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi dan ir-rikors kien promoss wara li l-esproprijati deherilhom illi l-valur offert mill-intimat ghall-espropju tal-fond kien baxx wisq biex inkun minnhom accettat. Huma

mxew fuq il-parir tal-perit arkitett taghhom li xehed f'dawn il-proceduri u li wasal ghall-konkluzzjoni illi l-valur tal-fond huwa ta' Lm55,000 ekwivalenti ghall-Euro 128,115.53 differenza notevoli mill-istima li hareg biha l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet;

Illi l-periti membri li jikkomponu dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti, xhieda u dokumenti kollha mressqa, kkonkludew, skond ir-rapport taghhom akkluz u formanti parti minn din is-sentenza, illi l-valur gust ta' dan il-fond ghandu jkun iffissat fis-somma ta' wiehed u tmenin elf, hames mija tmienja u ghoxrin euro (Euro 81,528.00);

Il-Bord ghalhekk, a bazi tad-decizjoni unanima tal-periti membri, qed jilqa' talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 10, Triq il-Bjar, il-Belt Valletta fl-ammont ta' wiehed u tmenin elf, hames mija tmienja u ghoxrin euro (Euro 81,528.00), oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------